MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2010

Numru. 25/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonello Grech**
**V**

**STEPHEN MAMO**

**Seduta ta' llum, 15 ta' Jannar 2010**

**Il-Qorti;**
Rat li l-imputat **STEPHEN MAMO** t'erbgha w tletin sena bin Joseph u Loreta nee Agius, imwieled H'Attard nhar s-sbatax t'Ottubru 1971, u residenti 'Sagra Famiglia', Triq l-Bies, Kercem, Ghawdex, detentur ta' karta tal-identita numru 466871M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Fis-sitta w ghoxrin ta' Gunju 2006, ghal habta tat-tmienja w nofs ta' filghaxija, fir-Rabat, Ghawdex, insulenta, hedded u fizikament aggredixxa lil PS 187

Mario Cassar, ufficjal tal-Korp tal-Pulizija u kwindi persuna nkarigata skond l-ligi minn servizz pubbliku, u dan bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

2. Talli fl-istess data, hin, u lok ikkaguna griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ PS 187 Mario Cassar, ufficjal pubbliku waqt li kien qed jaghmel d-dmirijiet tieghu jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fid-dmirijiet tieghu tal-kariga tieghu;

3. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra PS 187 Mario Cassar, persuna nkarigata skond l-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jagixxi ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond l-ligi mill-Awtorita kompetenti;

4. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament kiser l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

5. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, m'obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija;

6. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi dagha u qal kliem oxxen fil-pubbliku;

7. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor (qmis tal-pulizija) liema hsara tammonta ghal inqas minn ghaxar liri maltin, u liema hsara saret ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta;

8. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, liema hsara tammonta ghal inqas minn hamsin lira maltin izda inqas minn hames mitt lira maltin, u liema hsara saret ghad-dannu ta’ PS 187 Mario Cassar.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tapplika l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom, l-artikoli mibghutha mill-Avukat Generali nhar s-sebgha ta' Mejju 2007 [fol. 77] sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta' gudikatura kriminali kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tas-sbatax ta' Mejju 2007 [fol. 78].

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni, lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju w il-provi tad-difiza.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tas-sittax ta' Novembru 2009.

Ikkunsidrat:

Illi nhar t-tmintax ta' Lulju 2006 **xehed PS 187 Mario Cassar** [fol. 14] fejn qal li fis-sitta w ghoxrin ta' Gunju 2006, ghal habta tat-tmienja w nofs ta' filghaxija, kien ghadu kif spicca s-*second watch* u kien sejjer lura d-dar bil-mutur privat tieghu u kif wasal fi Triq Putirja, Main Gate, r-Rabat, ra tnejn minn nies, fuq zewgt izwiemel u qalilhom "*Hemmhekk triq traffikuza, mhux taz-zwiemel u m'ghandkomx ssuqu l' hawn*". Qal li maghhom kien hemm iehor li ma kienx jafu. Mistoqsi x'kien jismu, ix-xhud m'gharafx iwiegeb. Qal li dan kollu sehh quddiem l-Caffe li jismu Caffe Bar. Zied jghid li f'daqqa wahda hareg mill-cafe l-imputat presenti fl-awla, u beda jinsulentah u jghidlu kliem mhux xieraq bhal '*mur hudu…*' u beda jidghi bil-Madonna biex ma jindahalx. Qal li hu qallu li kien qed jghidilhom biss li hemm ma kienx post z-zwiemel.

Qal li dak l-hin, l-imputat dar fuq dawn iz-zewg minn nies u qalilhom '*Oqghodu hekk*' u hu (x-xhud) dar fuq l-imputat u qallu biex ma jkabbarx l-affarijiet u f'daqqa wahda, l-imputat dar fuqu u qallu '*Ara x'ghamiltilha lit-tifla. Lili mhux ser tghamilli bhal m'ghamilt lil imghallem*'.

Ix-xhud qal li hu ma fehemx x’ried jghid b’dan il-kliem l-imputat dak l-hin pero sussegwentement sar jaf minn hu l-imghallem tieghu, certu Giovann Vella, liema persuna kienet giet arrestata xi tlett ijiem qabel. Zied jghid li hu saq ftit l’fuq bil-mutur, waqqfu, nizel minn fuqu u kien ser jipprova icempel l-ghassa biex imorru u jiehdu l-partikolaritajiet tal-imputat u jirrapportah fuq storbju u dagha, pero dan l-imputat baqa’ miexi warajh waqt li hu beda jghidlu biex ma jkabbarx l-affarijiet u joqghod kwiet.

Qal li f’daqqa wahda l-imputat qabad il-mutur tieghu, u tefghu mal-art u sakemm kien qed icempel tah daqqa ta’ ponn f’wiccu, tajjarlu n-nuccali tal-vista u l-mobile mal-art. Qal li dak l-hin kien hemm xi nies li qabzu fuqu u zammewh u fost dawn in-nies kien hemm Giovann Vella li semma aktar qabel u dan dahal fizikament bejnu u bejn l-imputat. Qal li l-imputat gie mizmum mill-kugin ta’ Giovann Vella. Qal li hu pprova jzomm lil imputat milli jaghtih u waqt li Giovann Vella kien barrier quddiemu, rcieva mbuttatura f’daqqa ma jafx minghand min, ghalkemm eskluda li giet mill-imputat.

Qal li meta sussegwentement rega’ pprova jcempel minn fuq il-mobile, dan ma kienx jahdem. Kompla jghid li hu nizel hdejn l-bar u fetah l-bieb biex icempel l-emergenza pero ma kien hemm hadd. Zied jghid li l-imputat u Giovann Vella regghu marru warajh waqt li Giovann Vella beda jzomm lil imputat milli jersaq lejh u waqt li kien miexi ‘l isfel, giet karozza tal-pulizija.
Mistoqsi jekk sofriex xi feriti wiegeb li kellu qasma f’xofftejh, spicca bi tlett punti u li gie nvistat minn Doctor Coronato Grech. Ix-xhud esibixxa l-qmis li kien liebes dakinhar tal-incident li kienet bid-demm w imqatta. Qal li n-nuccali tal-vista li kellu kienu gabruh il-pulizija minn mal-art flimkien mal-mobile u li kellu jaghmel nuccali iehor. Ix-xhud esibixxa wkoll ricevuta tan-nuccali l-gdid fl-ammont ta’ hamsa w erbghin lira maltin li giet immarkata bhala Dok. Z. Qal li l-mobile li kellu kien qalghu rigal minghand uliedu xi sentejn qabel. Qal li l-crash helmet li kien liebes dakinhar, sparrixiet minn fuq il-post u kellu jixtri ohra ghal prezz ta’ tnejn w ghoxrin lira maltin skond ricevuta li esibixxa bhala Dok. Y. Mistoqsi mill-Qorti jekk rax lil xi

hadd jiehu dan l-crash helmet, wiegeb li ma ra lil hadd. Qal li jahseb li kissirlu wkoll l-fardall u l-mudguard tal-mutur meta tefghu mal-art l-imputat.

Illi nhar s-sebgha ta' Settembru 2006 **rega' xehed PS 187 Mario Cassar** [fol. 35] fejn esibixxa stima tal-hsarat li sofra fil-mutur bhala Dok. T kif wkoll stima tal-mobile Samsumg bhala Dok. F.

Illi nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Novembru 2006 **rega' xehed PS 187 Mario Cassar** [fol. 56] fejn esibixxa stima ta' nuccali kif wkoll l-istess nuccali bhala Dok. AG 2 u AG 3 rispettivament, liema nuccali kien liebes dakinhar tal-incident.

Illi nhar t-tmintax ta' Lulju 2006 **xehed PS 261 Raymond Caruana** [fol. 22] fejn qal li nhar s-sitta w ghoxrin ta' Gunju 2006, ghal habta tat-tmienja w nofs ta' filghaxija kien ircieva telefonata waqt li kien l-ghassa tal-pulizija r-Rabat b'vuci ta' mara li nfurmatu li fi Pjazza San Frangisk, kien hemm pulizija qed jigi msawwat minn xi nies w ghalhekk mar fuq il-post fejn iltaqa' ma PS 187 Mario Cassar. Qal li hu staqsih x'kien gara, u setgha jara li kellu xi dmija fuq il-qmis u xi demm hiereg minn halqu.

Qal li PS 187 Mario Cassar qallu li kellu xi jghid ma Stephen Mamo ghaliex huwa kien ikkorrega lit-tifel tieghu li kien riekeb ziemel. Qal li hu ha l-okkorrenza relattiva. Sussegwentement hu akkumpanja lil Mario Cassar l-isptar fejn gie nvistat min Doctor Coronato Grech. Mistoqsi jekk Mario Cassar qallux jekk kienx sofra xi hsarat, wiegeb li dan kien qallu li kien sofra xi hsarat fin-nuccali tieghu kif wkoll fil-mutur personali tieghu. Qal li Mario Cassar kien indikalu lil imputat bhala l-aggressur tieghu.

Spjega li Mario Cassar kien qallu dak l-hin li hu kien waqqaf tnejn minn nies li kienu ghaddejjin fuq ziemel minn triq dejqa u f'daqqa wahda hareg mill-Cafe l-imputat. Qal li sussegwentement kien irrizulta li iben l-imputat kien wiehed minn dawk li kien riekeb fuq iz-ziemel. Qal li Mario Cassar kien qallu wkoll li l-imputat kien tah daqqa ta' ponn. Mistoqsi jekk hu kellimx lil imputat, wiegeb fl-

affermattiv u qal li kellmu mat-triq dak l-hin stess u qaghad hemmhekk sakemm nizlu l-ghassa.

Qal li hu kien staqsa lil imputat x'kien gara u dan qallu li s-Surgent kien mar jaghmel ghal ibnu w ghalhekk hu kien mar jipprotesta mieghu. Qal li l-imputat kien cahad mieghu li kien ta bil-ponn lis-Surgent. Qal li sussegwentement l-imputat gie arrestat l-ghassa u l-kaz gie nvestigat mill-allura Spettur Antonello Grech. Qal li l-imputat lilu ma kienx qallu ghaliex hu kien ipprotesta mas-Surgent, qallu biss li ra lis-Surgent jitkellem ma ibnu u hareg jipprotesta mieghu. Qal li kien irrizultalu li wiehed minn dawk li kienu rekbin fuq z-zwiemel, kien iben l-imputat.

Qal li meta wasal fuq hu fuq il-post, l-imputat kien fil-bieb tal-hanut ipejjep sigarett u kien ammetta mieghu li hareg ighajjat u jipprotesta mas-Surgent.

Illi nhar t-tmintax ta' Lulju 2006 **xehed Anthony Buttigieg** [fol. 24] fejn qal li hu kien fil-Caffe Cordina fi Pjazza San Frangisk jiehu café dakinhar tal-incident. Mistoqsi jekk rax lis-Surgent b'xi dmija wiegeb li ma rahx. Mistoqsi jekk rax lil imputat fl-akwati, wiegeb li rah niezel 'l isfel. Fuq domanda tal-Qorti, ix-xhud qal li l-glied li semgha kien fuq kwistjni ta' glied u ra lis-Surgent u lil imputat jikkwistinjaw bejniethom u li sussegwentement ra lis-Surgent jinzel jigri l' isfel bil-mobile f'idejh. Qal li sussegwentement rah jitkellem ma Giovann Vella. Mistoqsi ma min baqa l-imputat meta s-Surgent telaq lil hinn, wiegeb li ma jafx. Mistoqsi jekk rax xi zwiemel fl-akwati, wiegeb li ra tnejn fi Pjazza San Frangisk, pero min kien riekeb fuqhom ma kienx jaf. Fuq domanda tal-prosekuzzjoni jekk semghax lil xi hadd joffendi lil haddiehor, wiegeb li ma semghax. Mistoqsi jekk kellux xi hsara l-mutur, wiegeb li kien hiereg xi likwidu minnu pero ma nnontax kienx hemm hsara jew le fuqu. Qal li lil Giovann Vella ma rah jaghmel xejn hlief jitkellem mas-Surgent.

Illi nhar t-tmintax ta' Lulju 2006 **xehed Ferdinand Portelli** [fol. 26] fejn qal li dakinhar tal-incident hu kien fil-Caffe Caffe, Main Gate Street, Rabat fejn jahdem. Mistoqsi jekk

rax l-incident isehh, wiegeb li ma rahx. Qal li lil imputat kien jafu u li dakinhar kien qed jiehu café ghandu. Qal li xi hin ra lil imputat johrog barra biex ipejjep sigarett u wara ma rahx izjed. Qal li sussegwentement semgha kommozzjoni zghira gejja minnbarra pero ma kienx jaf x'gara ezattament ghaliex kellu n-nies gewwa u ma harigx. Mistoqsi mill-Qorti jekk rax lil xi hadd ferut wara, wiegeb li ma rax. Qal li l-kcina tal-lokal tieghu tinsab fil-basement w ghalhekk hu nizel isfel isajjar ghal klijenti tieghu u fl-ebda hin ma ra l-incident isehh.

Illi nhar s-sebgha ta' Settembru 2006 **xehed Doctor Coronato Grech** [fol. 33] fejn ikkofnerma li ezamina lil PS 187 Mario Cassar nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Gunju 2006 filghaxija u dakinhar irriskontra li kien qed isofri minn ferita f'halqu n-naha tax-xellug w ghamillu zewg punti f'halqu li kklassifikhom bhala ta' natura hafifa. Ix-xhud esibixxa c-certifikat rilaxxat minnu bhala Dok. Z a fol.34. Qal li meta staqsa lil pazjent kif kellu dik il-ferita, dan kien qallu li kien qala daqqa ta' ponn u tali ferita hija kompatibbli ma tali versjoni. Qal li minn dakinhar ma regghax ezamina lil PS 187 Mario Cassar.

Illi nhar d-dsatax t'Ottubru 2006 **xehed Doctor Charles Borg** [fol. 44] fejn qal li hu ezamina lil PS 187 Mario Cassar fuq nomina tal-Qorti gewwa l-isptar t'Ghawdex nhar d-dsatax ta' Settembru 2006. Qal li lilu rrizultalu li Mario Cassar ma kellu ebda sfregju per durata, kemm kellu xi punti fuq xofftejh u din kienet t'importanza zghira. Ix-xhud esibixxa c-certifikat rilaxxjat minnu bhala Dok. CSH. Mistoqsi jekk hassx xi balla taht x-xoffa ta' Mario Cassar, meta ezaminah, wiegeb li minn gewwa kellu xi ftit *thickening* tal-i*scar* pero minn barra ma kien jidher xejn.

Illi nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Novembru 2006 **xehed s-Supretendent Antonello Grech** [fol. 51] fejn qal li fis-sitta w ghoxrin ta' Gunju 2006, kien gie nfurmat li waqt li PS 187 Mario Casar kien sejjer d-dar ghal habta tat-tmienja w nofs kien safa aggrediet fi Pjazza San Frangisk minn certu Stephen Mamo. Qal li hu kien staqsa fejn kien Stephen Mamo u qalulu li kien jinsab l-ghassa filwaqt li PS 187 Mario Cassar kien l-isptar. Qal li hu mar l-ewwel l-isptar

fejn sab lil PS 187 Mario Cassar qed jiddewwa. Qal li kellu l-qmis tieghu tal-uniformi mqatta u kellu d-demm f'wiccu w in-nuccali miksur. Qal li meta tkellem mieghu dan qallu li waqt li kien ghaddej minn Main Gate Street, tiela lejn Pjazza San Frangisk, ra zewg zwiemel fin-nofs u qalilhom biex ma joqghodux fin-nofs. Qallu wkoll li wiehed minn dawn iz-zwiemel kien misjuq minn iben Stephen Mamo. Ix-xhud kompla jghid li Mario Cassar qallu li l-imputat hareg mill-hanut Cafe Café u mar ghalih u beda jghajjat mieghu, jidghi u jheddu. Qal li s-surgent qallu li hu waqqaf il-mutur li kien riekeb, nizel minn fuqu u malli nizel, l-imputat kien attakkah, waqqghalu l-mutur u tah daqqa ta' ponn f'wiccu.

Ix-xhud zied jghid li filgahxija hu kien tkellem mal-imputat wara li tah is-solita twissija fejn dan kien innega li ta daqqa lis-surgent pero <u>ammetta li kien hemm kuntatt u li kien tajjarlu l-mutur u waqqghu mal-art</u>. Qal li meta dakinhar hu kien staqsa lil imputat x'kien ghamillu s-surgent u l-imputat kien wiegeb li s-surgent ma kienx messu pero l-ghada meta gie biex jaghmel l-istqarrija fil-presenza ta' PC 863 Francis Grima, <u>l-imputat kien biddel il-versjoni u qal li s-surgent kien habat ghalih u li kien hemm kuntatt mieghu</u>. Ix-xhud esibixxa l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat bhala Dok. AG (fol. 53) u stima ta' kemm tiswa l-qmis tal-pulizija bhala Dok. AG 1 (fol. 55).

Illi nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Novembru 2006 **xehed PC 863 Francis Grima** [fol. 58] fejn qal li fis-sitta w ghoxrin ta' Gunju 2006, ghal habta tat-tmienja w nofs kien ircieva telefonata l-ghassa tar-Rabat, li kien hemm pulizija qed jissawwat. Qal li hu flimkien ma PS 261, PC 1477 u PC 1406 marru fuq il-post u cioe fi Pjazza San Frangisk u raw lil PS 187 Mario Cassar gej fid-direzzjoni taghhom b'wiccu bid-demm u bil-qmis tal-uniformi kollha demm. Qal li lilhom Mario Cassar kien indikalhom lil imputat presenti fl-awla bhala dak li kien tah daqqa ta' ponn. Zied jghid li hu kien akkumpanja lil PS 187 Mario Cassar l-poliklinika. Qal li dik kienet l-unika parti li ha sehem fiha tul l-investigazzjoni ta' dan l-kaz. Qal li jaf li PS 187 Mario Cassar is-soltu jilbes in-nuccali pero meta rah, ma kellux n-nuccali f'wiccu. Meta gie muri l-istqarrija esibita fl-atti

bhala Dok. AG, ix-xhud ikkonferma li din gie rilaxxjata mill-imputat presenti fl-awla. Qal li l-imputat kien gie moghti s-solita twissija qabel ma rrilaxxja l-istqarrija w ikkonferma l-firma tieghu, dik tal-imputat kif wkoll tas-Supretendent Antonello Grech fuq l-istqarrija Dok. AG.

Illi nhar l-hmistax ta' Frar 2007 **xehed John Vella** [fol. 67] fejn qal li fis-sitta w ghoxrin ta' Gunju 2006 f'xi hin wara nfosinhar hu kien qed jiehu café fl-istabbiliment maghruf bhala Café Caffe r-Rabat, xi hin meta ma kienx ghadu dalam. Ftakar li f'hin minnhom semgha hafna ghajjat u kulhadd hareg jigri barra mill-café u hu wkoll u ra lis-Surgent Cassar u lil imputat presenti fl-awla f'xulxin. Qal li f'daqqa wahda s-Surgent, li f'idu kellu *crash helmet*, beda jimbotta lil imputat u ta xi daqqiet biha lil imputat fuq dahru. Ix-xhud qal li hu ried jaghti lura l-crash helmet lis-Surgent pero ma riedhix w ghalhekk esibiha l-Qorti bhala Dok. Z. Qal li s-Surgent kien qieghed mal-funtana li hemm fil-pjazza u kien hemm xi tletin ruh madwarhom. Qal li l-*helmet* spiccat fuq il-bankina tal-funtana u hu gabarha peress li s-Surgent jghix ma gembu. Qal li l-pulizija qatt ma kellmuh fuq dan il-kaz u ma ftakarx li effettivament l-ispettur kien baghat ghalih, pero meta baghtu ghalih, hu ha l-*helmet* mieghu. Ftakar li xi zmien wara s-Surgent kien ghaddej minn hdejn d-dar tieghu u kien offirielu li jaghtih l-*helmet* pero hu ma riedhix. Qal li s-surgent u l-imputat kienu qeghdin jghajjtu f'wicc xulxin u kienu diga hdejn il-Pjazza ta' San Frangisk hdejn il-funtana. Zied jghid li fil-fatt s-surgent kien imbotta lil imputat bil-*helmet* b'idejh b'kollox u dak l-hin li waqa l-mutur tas-surgent. Qal li l-mutur kien ipparkjat fin-nofs hdejhom u meta bdew jitlewmu, bil-mutur bejniethom, l-mutur waqa'. Qal li ma kienx zgur jekk l-imputat kien habat mal-mutur u waqa'. Qal li kien cert li s-surgent kien imbotta lil imputat u beda jaghtih bil-*helmet* fuq dahru. Qal li s-surgent wkoll waqqalu n-nuccali w infixel u waqa' wkoll. Qal li hu baqa' jhares bhal haddiehor.

Mistoqsi jekk indahalx bejn s-surgent u l-imputat, wiegeb li m'indahalx bejniethom u fl-ebda hin ma resaq lejhom. Mistoqsi jekk s-surgent kienx liebes l-uniformi, wiegeb li ma kienx cert minn dan. Mistoqsi jekk jafx lil imputat

wiegeb li ilu jafu ghaliex gieli hadem mieghu ghal xi xahrejn jew tlieta w anke qabel l-incident. Cahad li kien mieghu dakinhar tal-incident fil-café. Qal li kien jaf li kien qieghed fil-café ma xi nies li ghandhom z-zwiemel. Qal li l-café ghandu zewgt ikmamar separati. Mistoqsi jekk l-hwejjeg li kien liebes s-surgent kienux imqatta jew le, wiegeb li ma kienx jaf ghax ma tax kaz. Qal li ma kienx jaf kif spicca fl-art in-nuccali tas-surgent ghalkemm rah mal-art. Qal li s-surgent ma kellux d-demm f'wiccu. Qal li hu, lil imputat qatt ma messu fl-ebda hin.

Illi nhar s-sbatax ta' Mejju 2007 **xehed Joseph Grech** [fol. 79] fejn meta gie muri l-istima esibita bhala Dok. AG 2, qal li kien hu li qal li sabiex jissewwa l-*frame* tan-nuccali u jitpoggew lenti godda tinhtieg spiza ta' tnejn u sebghin lira maltin. Ikkonferma dak li kiteb hu fis-sittax t'Ottubru 2006.

Illi nhar s-sbatax ta' Mejju 2007 **xehed Marcell Buttigieg** [fol. 80] fejn qal li hu jahdem f'garaxx bl-isem M&J, Qortin Street, Nadur. Qal li fl-erbgha ta' Settembru 2006 kien hareg ricevuta f'isem Mario Cassar dwar stima ta' xoghol fuq mutur Honda 70cc bin-numru ta' registrazzjoni FBD 058 li kien jammonta ghal xoghol u *spray* fl-ammont ta' hamsin lira maltin oltre l-18% VAT, disgha w hamsin lira matlin. Ikkonferma li d-dokument C esibit a fol. 36 tal-atti kien inhareg minnu.

Illi nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Gunju 2007 **xehed l-imputat minn jeddu b'mod voluntarju** [fol. 82] fejn qal li fis-sitta w ghoxrin ta' Gunju 2006, kien fil-Café Café r-Rabat u hareg barra ipejjep sigarett. Qal li qabel kien mar ibnu jistaqsih jekk setgha imur jarma d-debba u hu qallu biex imur u joqghod mohhu hemm. Qal li waqt li kien qed ipejjep s-sigarett, semgha xi hsejjes ta' ziemel u ra lil ibnu idur l-kantuniera bid-debba u ra lis-surgent Mario Cassar fuq in-naha tal-lemin jghajjat ma ibnu u jkellmu hazin. Qal li x'hin s-surgent rah, staqsih x'kien qed jaghmel hazin ibnu u qallu biex ma jindahalx. Qal li s-surgent ipparkja l-mutur li kellu mal-faccata tal-Café Café, u mar ghalih. Qal li din ma kienetx l-ewwel darba li s-surgent kien mar ghalih. Qal li s-surgent, meta hebb ghalih, tah daqqa ta' ponn f'mohhu u hu telaq jigri, mar fejn il-mutur, s-surgent

baqa sejjer warajh u hu tefghalu l-mutur mal-art. Qal li ibnu kien ghadu hemmhekk bid-debba. Zied jghid u hu harab jigri hdejn d-debba u zammha u telaq minn fuq l-post wara li zamm d-debba u meta marru l-pulizija ghalih. Mistoqsi jekk ghamilx rapport fuq s-surgent, wiegeb li l-pulizija ma tawh cans, ma kienx hemm hin ghax gie migbur mill-pulizija minn fuq il-post. Qal li d-debba hija wahda tal-galopp u kienet armata bis-serkin. Qal li ibnu ghandu sittax il-sena ser jaghlaq sbatax. Qal li l-Café Café ghandu zewgt ikmamar fuq u isfel.

Zied jghid li hu kien jahdem ma Giovann Vella pero m'ghadux u jinsab disokkupat. Qal li fl-istabbiliment Café Café wahdu kien ghalhekk gewwa kien hemm Giovann Vella. Qal li hu wahdu hareg ipejjep sigarett. Qal li kemm kien ilu joqghod Kercem, d-debba jzommha ftit wara San Frangisk, r-Rabat. Qal li ibnu dam xi hmistax jew ghoxrin minuta sakemm telaq minn hdejn l-Café Café, mar go l-istalla, rema' d-debba, dar minn wara San Frangisk u gie fil-pjazza. Mistoqsi ghaliex fl-istqarrija qal li s-surgent kien qallu biex ma jindahalx wiegeb li f'dan l-incident hu fl-ebda hin ma mess lis-surgent. Qal li meta waslu l-pulizija fuq il-post hu baqa' hemmhekk u anke s-surgent baqa' hemm imdawwar bin-nies. Mistoqsi jekk jafx li s-surgent spicca bin-nuccali miksur u bid-dmija fuqu wiegeb li ma kienx jaf. Qal li qatt hadd ma wrih xi nuccali miksur u qmis tas-surgent imqatta mal-art. Qal li ma kienx jaf x'sar minnu l-mobile tas-surgent, ghaliex mobiles ma rax. Qal li hu m'ghamilx certifikat tad-daqqa li tah s-surgent. Qal li lis-supretendent dakinhar meta kien qed jigi nvestigat, kien qallu biex jara idejh u x'feriti kellu fuqhom, pero s-supretendent kien qallu li ma kienx hemm ghalfejn.

Illi nhar s-sitta ta' Dicembru 2007 **xehed Marlon Mamo** [fol. 91] fejn wara li gie spjegat lilu s-sinifikat tal-gurament, stante li hu minuri, qal li hu jigi bin l-imputat u kien lest li jixhed. Qal li dakinhar tal-incident, hu kien fl-istabbiliment Café Café ma missieru u kien sejjer jarma d-debba. Qal li kien bid-debba barra l-Café Café u kien tiela l' fuq lejn Pjazza San Frangisk u semgha lil xi hadd jghajjat. Qal li kien pulizija fuq mutur u meta hares lura l-pulizija qallu '*mela int ma tismax!*' u kellmu hazin u mhux xieraq. Qal li

fil-pront ra lil missieru johrog mill-Café Cafe u staqsih x'kien ghamillu lil pulizija u mar izomm d-debba ghaliex kienet tnaffret.

Qal li l-pulizija effettivament kien waqaf bil-mutur u hu kien baqa' ghaddej bid-debba. Qal li sussegwentement missieru kkalma d-debba u meta kkalmaha, hu telaq biha. Qal li wara ma kienx jaf x'gara.

Ikkunsidrat:
Illi ghalhekk ma hemmx dubbju li kollox jiddependi fuq kredibilita tax-xhieda u dan billi bhala gudikant, il-Qorti sejra taghti qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hiex kostanti u ta' fatizzi ohra tax-xhieda taghhom u jekk x-xhieda hiex imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan ai termini tal-**artikolu 637** tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti hija f'posizzjoni ferm aktar favorevoli minn Qrati ohra meta tigi sabiex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ghexet il-process kollu tul medda ta' zmien u ghalhekk kienet f'posizzjoni, wara li semghet x-xhieda kollha jixhdu viva voce quddiemha, tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom stante li kienet hi stess li kkonstatathom x'interess setgha kellu xi xhud f'dak li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar prova sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale*** - Vol III Kap IV- pg. 234- Ediz 1890 -

"*Il cosi detto onero della prova cioe il carico di fornire, spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui asserit.*"

Il-Prosekuzzjoni resqet diversi xhieda sabiex tipprova l-akkuzi taghha. Il-vitma xehed u kkonferma dak li qal l-ufficjal investigattiv l-allura Spettur illum Supretendent Antonello Grech li huwa gie aggredit mill-imputat odjern u dan ghaliex huwa kien qed jaqdi dmiru u jghid lil bin l-

imputat Marlon Mamo sabiex ma jibqax fejn kien bid-debba. Illi pero l-incident ma sehhx ma dan l-individwu li kien qed jindirizza, izda ma missieru l-imputat odjern li hareg mill-fond Cafe Cafe ir-Rabat u hebb ghalih, beda jghajjru, jinsulentah u jintimidah. Illi fid-daghdiha li kellu jghid l-alegat vittma PS 187 Mario Cassar, l-imputat sahansitra anke kkawza feriti fuq il-persuna tieghu kif iccertifika Doctor Coronato Grech.

Illi d-difiza fl-ewwel lok tghid li l-prosekuzzjoni ma pprovatx li l-allegat vittma huwa membru fil-Korp tal-Pulizija ghaliex ma resqet lil had mill-Korp sabiex jikkonferma dan il-fatt.

Il-Qorti taqbel mad-difiza li tghid li dik kienet tkun l-ahjar prova kieku ghal prosekuzzjoni pero il-Qorti ma tistax tiskarta l-prova sekondarja u cioe ix-xhieda tal-allura Spettur Antonello Grech u t'ufficcjali ohra fil-korp li lkoll xehdu f'dawn il-proceduri u rreferew ghall-allegat vittma bhala PS 187 Mario cassar. Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li l-prosekuzzjoni rnexxilha tipprova dan il-fatt.

L-imputat jghid li m'ikkawza l-ebda ferita fuq il-persuna ta PS 187 Mario Cassar ghalkemm jammetti li hebb ghalih u li gew f'kuntatt.

Kif ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Pace** moghtija fid-disgha ta' Mejju, 1997 mill-***Qorti tal-Appell Kriminali*** jinghad li:-

*"Biex persuna thebb kontra persuna ohra, m'hemmx ghalfejn li effettivament ikun hemm kuntatt fiziku; bizzejjed li jkun hemm l-potenzjalita ta' tali kuntatt permezz tal-manifestazzjoni ta' forza fizika indirizzata lejn dik l-persuna l-ohra."*

Forsi t-*test* Ingliz ta' din il-kontravenzjoni jiddeskrivi ahjar l-kuncett ta' hebb:-

*"Attempts to use force against any person with intent to insult, annoy or hurt such person or others...'"*

Issa mill-provi prodotti jirrizulta li verament PS 187 Mario Cassar safa ferut u li kellu dmija f’wiccu li kellu bzonn zewg putni f’xoftu minn gewwa.

L-imputat jghid li ma kien hu li tah daqqa ta’ ponn f’wiccu ghalkemm l-vittma tikkonferma li d-daqqa qalagha minghand l-imputat. L-imputat m’offra l-ebda spjegazzjoni ta’ kif effettivament spicca ferut PS 187 Mario Cassar.

Illi id-difiza pero tghid li l-feriti li sofra PS 187 Mario Cassar m’hmiex ta’ natura gravi izda ta’ natura hafifa.

Il-Qorti ezaminat dak li xehed l-espert nominat minnha Doctor Charles Borg li qal li l-ferita li kellu PS 187 Mario Cassar ma hix ta’ natura gravi u li l-ferita ma tidhirx minn barra, w ghalhekk estetikament ma taffettwahx.

Il-Qorti hawn taghmel referenza ghas- sentenza sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali*** nhar il-tnax ta’ Settembru 2006 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Paul Spagnol</u>** fejn gie ritenut li:-

“*B'mankament fil-wicc il-ligi qed tirreferi ghall-kull deterjorament ta' l-aspett tal-wicc li, anke minghajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduci sfigurament "cioe' peggioramento d'aspetto notevole o complessivo o per l'entita' della alteranzione stessa, o per l'espressione d'assieme del volto". Sfregju, mill-banda l-ohra u a differenza ta' mankament, hija kull hsara li tista' ssir fil-regolarita' tal-wicc, fl-armonija tal-lineamenti tal-wicc, u anke f'dik li hija s-sbuhija tal-wicc. <u>Skond gurisprudenza ormai pacifika, din il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik "li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin".</u> Skolorament tal-gildajista' jipproduci kemm sfregju kif ukoll mankament fil-wicc. <u>Is-snien m’humiex parti mill-wicc, ghalkemm it-telf ta' hafna snien jistghu jgibu kemm sfregju kif ukoll mankament minhabba l-effett li jistghu ihallu fuq il-wicc u specjalment fir-regjun tal-halq.</u> Pero' la t-tul ta' l-infermita' u lanqas il-permanenza o meno taghha m'huma relevanti ghall-finijiet tas-subartikolu 216 (1) (b).*”

Illi ghalhekk fid-dawl ta’ din is-sentenza fuq citata l-Qorti taqbel mad-difiza li l-ferita hija ta natura hafifa.

Illi l-imputat gie akkuzat li hebb ghall-ufficcjal pubbliku kif dispost fl-artikolu 96 tal-Kap 9.

Dwar din l-akkuza il-Qorti ma thossx li hemm wisq xi tghid ghaliex fil-fehma taghha din tirrizulta ampjament. Ma hemmx dubbju li fil-glieda li l-imputat kellu mal-vittma, kisirlu n-nuccali, il-mobile u l-mutur u dan skond l-istimi esebiti li ma gewx kontestati.

Il-vittma deher konsistenti hafna f’dak li qal w ghalhekk il-Qorti m’ghandhiex ghalfejn tiddubita l-kredibilita tieghu waqt li l-imputat sahansitra anke biddel il-versjoni tieghu kif qalha lill-allura Spettur Antonello Grech u kif effettivament stqarrha fl-istqarrija tieghu.

L-imputat gie wkoll akkuzat bil-kontravenzjoni kif kontemplata fl-artikolu 338 (bb) tal-Kap 9 u cioe li qal kliem oxxen fil-pubbliku u b’hekk offenda d-decenza pubblika.

Ma hemmx dubbju li l-imputat qal kliem mhux xieraq tant li anke dagha b’isem il-Madonna kif stqarr PS 187 Mario Cassar u mhux kontestat mill-imputat waqt li kien fil-pedana tax-xhieda.

Ikun opportun li issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Pio Galea** deciza fis-sbatax ta' Ottubru, 1997, fejn gie ritenut li biex ikun hemm dan r-reat u cioe dak kontemplat fl-artikolu 338 (bb) tal-Kap 9 billi ikun hemm bhala regola, ghemil voluntarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil jsehh, jnissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat) dwar l-inkolumita fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita ta' proprjeta, kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba ta' possibilita li reazzjoni ghal dak l-ghemil. Jinghad li minhabba l-ghemil tal-imputat tqajjmet kommozzjoni tant li n-nies li kienu fil-hanut Café

Café hargu biex jaraw x'kien ghaddej u kien hemm xi nies li cemplu l-ghassa anonimament biex jirraportaw dak li kien qed isehh. Ghalhekk din l-akkuza tirrizulta pprovata.

Illi dwar l-akkuza l-ohra u cioe dik naxxenti mill-**artikolu 339(1)(d)** u cioe li hebb ghal PS 187 Mario Cassar sabiex jdejjqu, jingurjah jew jghamillu hsara u dan meta hebb ghalih, il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija fid-disgha ta' Mejju, 1997 mill-***Qorti tal-Appell Kriminali*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Pace** fejn gie ritenut li din l-kontravenzjoni kontra l-persuna ssehh meta persuna thebb kontra persuna ohra sabiex tingjurja, ddejjaq jew taghmel hsara lil dik il-persuna l-ohra jew lil haddiehor, kemm il-darba l-fatt ma jkunx jaqa taht xi disposizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali.

Issa f'dan il-kaz, l-Qorti diga sabet lill-imputat hati talli hebb ghall-ufficcjal pubbliku skond l-artikolu 86 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta w ghalhekk hija tal-fehma li din l-akkuza hija nkorporata fl-akkuza ta' portata akbar kif imsemmija fl-artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-ahhar nett l-imputat gi akkuzat talli kkawza hsarat volontarji fuq il-proprjeta tal-vittma fosthom fuq in-nuccali, il-mobile, l-uniformi u il-mutur tieghu.

Il-vittma xehed u qal li dawn kellhom il-hsara u cioe in-nuccali tfarrak meta waqqaghulu mal-art kif konfermat mix-xhud li esebixxa l-istima, il-mobile ma baqax jahdem meta l-imputat imbotta il-vittma u dan waqa' ma l-art, l-uniformi hija esebita u de viso tidher imqatta' kif del resto anke jirrizulta mid-dokument esebit fl-atti u l-mutur ukoll kellu xi hsarat kif spjegat fid-dokument esebit.

Mhemmx dubbju li komplessivament il-hsarat jeccedu l-mija u tlettax l-euro w ghalhekk ghandu jinsab hati tal-akkuza kif kontemplata fl-artikolu 325(c) .

Illi ghalhekk il-Qorti qed issib lil imputat hati tal-akkuzi kollha salv u b'eccezzjoni ghall-akkuza li kkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna tal-vittma PS 187 Mario Cassar

minn liema akkuza tilliberah pero issibu hati fl-akkuza nkorporata fiha li kkaguna ferita ta' natura hafifa.

Dwar il-piena il-piena il-Qorti rat il-fedina penali tieghu esebita fol. 8 et seq u jirrizulta li huwa ghandu erbgha *convictions* registrati fuqha fejn instab hati ta' xi kontravenzjonijiet u tar-reat ta' raggon fattasi u ta' disprezz lejn l-Awtorita tal-Qorti fis-sena 2005.

Rat illi l-akkuzi odjeri jikkoncernaw ferita u resistenza fuq ufficcjal pubbliku w ghalhekk il-Qorti thoss li ghandha tibghat messagg lis-socjeta li tali atteggjament mhuwiex accettabli w ghandu jigi censurat.

Il-Pulizija Esekuttiva hija hemm sabiex tipprotegi c-cittadin u m'ghandhiex tigi mqieghda f'sitwazzjoni li tibza tezercita d-dritt taghha li tikkoregi lill-individwu li ma jkunx qed jimxi skond il-ligi.

Il-Qorti ghandha tinkoragixxi lill-ufficcjali tal-Pulizija sabiex jintervjenu kull fejn ikun hemm xi nuqqas ta' terz u dan bl-intendiment li jkun hemm armonija shiha fil-pajjiz.

Stante li l-fedina penali tieghu mhiex wahda daqstant reflettarja ma thossx li ghandha timponi piena karcerarja izda ghandha tikkundannah ihallas multa sabiex f'kaz ta' ripetizzjoni ta' reat iehor, l-imputat ghandu jitqies li huwa recidiv.

**Ghaldaqstant,** wara li **l-Qorti** rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 95, 96, 94, 216, 338(bb),(dd),(ee), 342 u 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta **tiddikjara li qed ssib lil imputat STEPHEN MAMO hati tal-akkuzi kollha kif dedotta fil-konfront tieghu inkluz dik talli kkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta PS 187 Mario Caassar u tikkundanna sabiex ihallas multa ta' sitt mitt (600) euro u tiddikjara li ma ssibux hati talli kkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' PS 187 Mario Cassar u tilliberah minn dik l-akkuza.**

**Il-Qorti qeghda wkoll torbot lil imputat taht penali ta' mitejn u tlettax (213) l-euro fin-nuqqas sabiex ma**

**jimmolestax, ma jingurjax u ma jheddidtx lil PS 187 Mario Cassar ghal perjodu ta' sena mill-lum taht l-provvedimenti tal-artikolu 383(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Dwar t-talba tal-prosekuzzjoni sabiex, ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' periti w esperti, il-Qorti tilqa tali talba u tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes kollha nvoluti fil-hatra tal-esperti nominati u cioe ta' Doctor Charles Borg [fol. 44] fl-ammont komplessiv ta' tnejn u sittin Euro u disgha w tmenin euro centezmi [€62.89] u dan fi zmien xahar mill-lum u jekk l-imputat jonqos li jhallas tali ammont, dan jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull 11.65 Euro dovuta.**

**Tordna wkoll li kopja ta' din s-sentenza tigi notifkata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali ghal dan l-ghan.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------